**PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2000**
**fil-11.00 a.m.**

Citaz: 962/94 VDG

**Maryanne mart Anthony Risiott f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Francois u Kirsten Risiott, awtorizzata tistiwixxi din il-kawza a tenur tad-digriet numru 597/94 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Lulju, 1994**

**v.**

**Anthony Risiott**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni, presentata fit-22 ta' Lulju, 1994 minn Maryanne mart Anthony Risiott f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Francois u Kirsten, li permezz taghha wara li ppremettiet:

- illi l-konvenut zewgha irrenda ruhu hati kontra l-attrici martu ta' adulterju, eccessi, sevizzi, theddid, swat, mohqrija w ingurji gravi, b' mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniehthom impossibbli;

- illi miz-zwieg taghhom kienu twieldu zewgt itfal, Francois ta' sbatax il-sena w Kirsten ta' ghaxar snin;

- illi l-konvenut huwa obbligat li jmantni lill-attrici u liz-zewg uliedu minuri;

- illi l-attrici u uliedha qeghdin ighixu f' dar li tappartjeni lil omm l-attrici w ma tithallas ebda kera ta' din l-akkommodazzjoni;

Premess dan, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi mputabbli lill-konvenut;

2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

3. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti w taqsamha f' zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b' tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta lok li ssir din is-separazzjoni;

4. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni w jipproponi pjan tal-qasma, u nutar biex jircievi l-att oppotun u kwantu biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali w parafernali taghha inkluz flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

6. Tafda l-kura w l-kustodja tal-imsemmija tfal minuri Francois u Kirsten f' idejn l-attrici;

7. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha w ghaz-zewg uliedha minuri dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita minn din il-Qorti bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata li tigi wkoll stabbilita;

8. Tiddeciedi illi ghandhom ikunu l-attrici u uliedha minuri li jibqghu jghixu fid-dar konjugali propjeta` ta' omm l-attrici; u

9. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Risiott tas-17 ta' Ottubru, 1994, li biha eccepixxa:

- Illi fir-rigward tal-ewwel premessa ma huwa minnu xejn li l-konvenut irrenda ruhu hati kontra l-attrici ta' adulterju, eccessi, sevizzi, theddid, swat, mohqrija w ngurji gravi, b' mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibbli; anzi ghall-kuntrarju kienet l-istess attrici li proprju rrendiet il-hajja konjugali bejn il-kontendenti mpossibbli minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati, fosthom anke l-adulterju, eccessi, sevizzi, minacci, theddid, swat, mohqrija, ingurji gravi, minbarra nkompatibilita' wkoll ta' karattru;

- Illi huwa minnu li minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt itfal u cioe Fracoise ta' sbatax (17) il-sena u Kirsten ta' ghaxar (10) snin, li pero' dawn it-tfal minuri ghaddejjin minn trawma kbira kagun tal-agir ta' ommhom u c-cirkostanzi waslu fi stat li l-kbir Francois lanqas biss qieghed ikellem jew bl-ebda mod jikkommunika ma' missieru l-konvenut, u Kirsten ghaddej minn diffikultajiet billi anke bit-tehid fiziku tal-karozza ta' missieru mill-attrici, sar difficli biex ikun [hemm] access adegwat mill-konvenut ghall-ulieda, partikolarment ghall-Kirsten. U dan l-agir ghandu jigi kontrollat minn din il-Qorti billi jekk l-attrici hija determinata biex tissepara, determinazzjoni mhux kondiviza mill-konvenut, m'ghandiex l-attrici tinqeda bit-tfal biex taghmel ukoll disastru minn hajjithom kif effettivament jidher li qed jirnexxilha li taghmel;

- Illi l-konvenut ma ghandu legalment l-ebda obbligu li jmanti lill-attrici fid-dawl tal-emendi ghall-Kodici Civili b'effett mill-ewwel ta' Dicembru, tal-elf disa' mija tlieta u disghin (1.12.1993), u dana bili l-attrici ghandha l-kapacita' u l-hin, arti w sengha, li tista' ssib impieg u b'hekk ikollha x-xoghol u ma jkunx hemm htiega li l-konvenut li minbarra li gie mcahhad bl-aktar mod abbusiv mid-dar taz-zwieg, mill-istess uliedu, ikollu l-piz f'ambjent li fizikament u psikologiku [**sic!**] qed ikissru li jrid jahdem ukoll biex imantni lil min qieghed ikissru. U ghal dan il-mottiv u ohrajn li jigu mfissra fil-mori tal-kawza, il-konvenut joggezzjona, anzi juri l-fehma li skond il-ligi ma ghandu l-ebda obbligu li jmantni lill-attrici, gia la darba li hija ghazlet hajja indipendenti li trid tghix kif trid, mela bl-

istess kejl ta' logika hija ghandha tara kif ser tahdem biex tghijjex lilha nnifisha, u din hija l-kultura l-gdida li taht l-umbrella tal-ugwaljanza legali kull persuna mizzewwga li z-zwieg taghha jigi mminat kif hu l-kaz odjern, ghandu jara kif ser johloq mezz ta' ghixien indipendenti ghalih jew ghaliha min nahha l-ohra;

- Illi rigward iz-zewg uliedu minuri, il-konvenut naturalment bhal kull missier irid ili jmantni liz-zewg uliedu minuri, imma mhux fic-cirkostanzi odjerni u cioe' illi liz-zewg uliedu minuri jarahom bir-'ration', lit-tifel il-kbir lanqas biss irid jitkellem jew jikkomunika bl-ebda mod mal-istess missieru l-konvenut u l-konvenut qieghed jigi mgieghel biex ihallas manteniment ghal ibnu l-kbir waqt li l-istess pressjoni mhux qed issir fuq it-tifel il-kbir biex xi hadd igibu f' sensih li l-konvenut huwa missieru u jrid li jkollu r-rispett u d-denn [**recte:** dehen ?] misthoqq lill kull missier, gia la darba l-konvenut irid illi huwa jkollu d-drittijiet u l-obbligi ta' missier, u fir-rigward ta' Kirsten hemm il-possibilita' li dana jispicca ezatt bhal huh Francois b'dawn il-manuvrar tal-attrici, l-ahhar wahda it-tehid tal-vettura tal-konvenut biex b'hekk illum il-konvenut gie fi stadju illi biex jara lill ibnu jrid jaqsam minn Bormla ghall-Isla li jista' ma jkunx dejjem konvenjenti specjalment f'temp ta' xita, u barra minn hekk ghala l-konvenut ghandu jkun kostrett illi l-ftit li jara lill-ibnu l-minuri z-zghir irid biss ikun fl-akkwati ta' fejn joqghod u cioe` fl-Isla, billi kif tennilu ibnu minuri stess li dan tal-ahhar mhux preparat li joqghod jimxi – aspett sfortunat ta' numru ta' zaghzagh kontemporanji illi jidhru illi anke daqxejn mixi jdejjaqhom;

- U ghalhekk il-Qorti ghandha tohlog ambjent li fejn konsenturi fl-istruttura ta' din il-familja jistghu jigi rimedjati, wiehed jara li ma jibqghux jaggravaw, kif sfortunatament jidher li huwa l-kaz anke fid-dawl tal-Mandat ta' Qbid Numru 1954/94 - AS, u li a bazi tieghu l-konvenut issa spicca biex kull fejn irid imur ikollu jutilizza l-karozza tal-linja li fic-cirkostanzi moderni huwa nkonvenjent kbir specjalment meta tqis li l-konvenut jahdem mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u jrid joqghod minn Bormla fejn temporanjament qed jirrisjedi mal-genituri tieghu jmur il-Furjana, u jrid jigi ta' spiss il-Qorti l-Belt, u biex jara lill ibnu jrid imur l-Isla meta ma kienx hemm assolutament l-ebda mottiv biex dan isir aktar u aktar meta l-konvenut puntwalment u regolarment jaghti l-manteniment lill-attrici u uliedha skond id-Digriet tal-Qorti anke jekk it-tezi tal-konvenut hija li l-attrici ma ghandha tiehu l-ebda forma ta' alimenti u l-ulied minuri ghandhom anke fid-dawl tal-Ligi jigu mantnuti u edukati wkoll kif imfisser fil-Kodici Civili (kif emendat) miz-zewg genituri u mhux l-attrici tgawdi u l-konvenut

ha fuqu tbatijiet fizici u psikologici kbar li jistghu jimminaw l-istess impieg li ghandu bhal issa;

- Illi b' abbuz il-konvenut gie mgieghel li jitlaq mid-dar taz-zwieg, dar li tappartjeni lill omm l-attrici, veru, pero' li sa mill-bidu tal-hajja konjugali taghhom il-kontendenti konjugi Risiott dejjem ghixu hemm u hemm kellhom iz-zewg tfal fuq indikati. Imbghad wara li l-attrici pprovokat incident bl-ghajnuna tal-Ispettur Jimmy Abela, il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ordnat lill-konvenut biex ma jmurx fid-dar taz-zwieg u dan fuq insistenza tal-imsemmi Spettur Abela, f'cirkostanzi meta l-konvenut ma kienx assistit mill-Konsulent Legali tieghu, u ghalhekk litteralment il-konvenut sab ruhu barra fit-triq u li kieku mhux ghax il-genituri tieghu (li ma kellhom l-ebda obbligu li jaghmlu dan) ma laqghuhx lura fid-dar taghhom, kieku l-konvenut litteralment ried li jew jibqa' barra fit-triq jew imur jara jikrix post bi spejjez naturalment ghalih, u ghalhekk il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha l-fatt li dawn ic-cirkostanzi ma jistghux jibqghu sejrin ghal zmien aktar twil, billi l-konvenut qed ihossu ristrett hafna f'ambjent li jghix mal-genituri tieghu mhux ghaliex jonqoshom minn xi rispett imma l-Qorti tifhem li ragel ta' sitta u erbghin (46) sena mhux ser jerga' jsib lilu nnifsu b' rimarki bhal 'kemm ser iddum biex tidhol', 'kemm sar hin', u osservazzjonijiet ohra illi b'kull rispett lejn kulhadd persuna ta' din l-eta' ma taccettahomx;

- Illi ghalhekk il-konvenut qieghed ifittex residenza temporanja ghalih li ser tfisser aktar spejjez u li mill-ewwel tifsser li l-Qorti qed tigi mitluba biex tizen dan il-fatt fit-tibdil tal-ammont ta' manteniment li ghandu jinghata ghall-ulied minuri, u sakemm dawn jibqghu minuri, illi l-konvenut jibqa' jinsisti mal-Qorti li huwa ma ghandux jaghti ebda forma ta' alimenti lill-attrici, u dana skond il-Ligi u skond l-istil ta' hajja li l-attrici ghazlet b'determinazzjoni u taht skuza ta' cirkostanzi inezistenti li riedet taqbad u tghix fiha. Attegjament sfortunatament ta' hafna nisa mizzewgin moderni maltin li pero` ma jaccettawx li ghal dan il-lussu huma jridu jhallasu billi jitghallmu imantnu lilhom infushom, u mhux iridu jghixu hajja hielsa imma bil-piz ta' hlas ta' kontijiet imposti fuq ir-ragel bhac-cirkostanzi f'din il-kawza kif qed jigu mposti fuq il-konvenut;

- Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, fil-waqt illi l-konvenut jidher ma jista' jaghmel xejn biex jitlob il-Qorti halli ma tipprounzjax is-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, biss dan zgur ma ghandux ikun ghar-ragunijiet imputabbli lill konvenut imma ghandu jkun ghal-

ragunijiet imputabbli lill-attrici, kif jigi aktar elaborat fil-mori ta' din il-kawza;

- Illi jekk fic-cirkostnazi l-Komunjoni tal-Akkwisti ghandha tigi xolta, peress illi l-hidma dejjem saret mill-konvenut, l-attrici ghandha tiddekadi min dak li ma sarx u ma sehhx bil-hidma taghha, u dana anke fid-dawl tal-istess Kodici Civili, u fid-dawl tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment mill-konvenut ma' din ic-citazzjoni odjerna;

- Illi l-konvenut definittivament ma jaqbilx illi l-Komunjoni tal-Akkwisti ghandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, anzi l-attrici ghar-ragunijiet gia indikati f'din in-Nota tal-Eccezzjonijiet u kif jigu elaborati fid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-istess konvenut, hemm lok li tiddekadi minn dan is-sehem spettanti lilha skond il-Ligi;

- Illi l-konvenut ma ghandu xejn x'jikkonsenja lill-attrici kif hemm indikat fil-hames talba attrici, u dana billi l-konvenut gie mkecci litteralment mid-dar taz-zwieg, u l-attrici ippossessat ruhha min dak kollu li kien jappartjeni bhala mobbli u mobbilja lill-Komunjoni tal-Akkwisti, u ghalhekk aktar huwa l-kaz li l-attrici trodd lura lill-konvenut dak li cahditu u hadidtlu, u cahditu minnu, u dana minghajr preguidzzju ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut li ghalihom huwa jitlob li jigu likwidati w hu jinghata kumpens adegwat ghalihom;

- Illi fir-rigward tas-sitt talba, sfortunatament, ic-cirkostanzi huma kif inhuma, ma hemm l-ebda dubbju li sakemm tinqata' din il-kawza Francois ikun ilu li qabez it-tmintax (18) il-sena, u ghalhekk il-problema hawnhekk hija ta' Kirsten, li l-attrici donna lanqas taf tikteb ismu billi l-hin kollu tiktbu Kristen, u taghmel il-korrezzjoni u jerga' jitnizzel Kristen, kif huwa evidenti fil-kopja tac-citazzjoni li rceva l-konvenut, imma fir-rigward ta' Kirsten dan ghandu jinghata fil-kura u l-kustodju ta' missieru billi evidentement l-attrici ma hijiex persuna idoneja skond il-ligi li tiehu hsiebu anke fid-dawl tal-hajja liberali u ta' ezempju hazin li hija qed tikkonduci fir-rigward ta' dawn il-minuri li l-Qorti terga' tingibdilha l-attenzjoni ghall dawn ic-cirkostanzi biex tipprova tara li ma ssirx aktar hsara lill-istess minuri, hsara li hija gia evidenti kif brevement imfisser hawn fuq f'din in-Nota' tal-Eccezzjonijiet;

- Illi rigward l-alimenti, il-konvenut jirreferi ghal dak li qal izjed 'l fuq f' din in-Nota tal-Eccezzjonijiet. Minn naha l-ohra l-konvenut jinsisti illi l-Qorti b' urgenza tiffissa hinijiet aktar komdi bi granet differenti w anke bil-possibilita` kif anke fid-dawl tal-Konvenzjoni

tal-Gnus Maghquda ghad-Drittijiet tat-Tfal, tal-1989 hemm lok li dan isir, anke li l-istess konvenut ikollu imqar darba fil-gimgha, jekk l-affarijiet ma jigux decizi xort'ohra kif fuq imfisser, li jkollu lill-istess ibnu jorqod mieghu, u mhux il-kultura f' pajjizna tidher li hi li appena li jkun hemm diffikultajiet matrimonjali qishom il-missierijiet isiru 'persona non grata' fir-rigward tal-istess uliedhom minuri;

- Illi fir-rigward tat-tmien talba tal-attrici, il-konvenut assolutament ma jaqbilx li ghandu jkun hemm xi decizjoni illi l-attrici u l-ulied jibqghu jghixu fid-dar konjugali proprieta` ta' omm l-attrici, imma l-Qorti ghandha tgharraf lill-attrici li jekk dak hu l-istil ta' hajja li trid tghix hi mhux ser izzommha, imma fir-rigward tal-minuri mhux sewwa li dawn qed jghixu f'ambjent li jum wara l-iehor qed jigu 'vvalenati' b' azzjoni, bi kliem, b'decizzjonijiet, fejn dawn it-tfal telghin biex litteralment ma jikkalkolawx lill-istess missierhom il-konvenut, cirkostanzi li qed igibu tbatija w dispressjoni psikologika w fizika kbira lill-istess konvenut, u dan id-diskors qieghed jitnizzel hawn biex iservi ta' xhieda ghada pitghada meta jikbru t-tfal u jaqraw dawn id-dokumenti ta' x'fissret din il-mossa abbuzziva da parti tal-attrici u anke tal-Ispettur Jimmy Abela fir-rigward tal-ulied minuri viz a viz ta' missierhom il-konvenut;

- Illi fir-rigward tad-disa' talba, l-Qorti ma ghandhiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili fir-rigward tal-konvenut, anke jekk fic-Citazzjoni huwa ndikat bhala l-'konvenuta' (partikolarment f' din id-disa' talba), u dana kif jigi mfisser lill din il-Qorti fil-mori tal-kawza;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Anthony Risiott, li fiha, wara li ppremetta:

- Illi l-kontendenti konjugi Risiott izzewgu nhar it-tlieta (3) ta' April, tal-elf disa' mija sitta w sebghin (3.4.1976), u kif gia indikat fil-korp principali tac-citazzjoni odjerna, minn dan iz-zwieg kien hemm zewg itfal li llum ghadhom minuri, u cioe' Francois li twieled nhar is-27 ta' Marzu, 1977, u Kirsten li twieled nhar it-28 ta' Dicembru, 1983;

- Illi f'dawn l-ahhar snin ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjoraw sostanzjalment, u dana minhabba ragunijiet legalment validi, fosthom l-adulterju da parti tal-attrici, minacci, eccessi, theddid, swat, inkompatibilita` ta' karattru w ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal

proceduri ta' separazzjoni personali u talbiet incidentali w ancillari bejn l-istess kontendenti konjugi;

- Illi nhar l-ewwel ta' Lulju, tal-elf disa' mija erbgha u disghin (1.7.1994), l-attrici da parti taghha ottjeniet id-digriet pertinenti numru 597/94, mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet "Maryanne mart Anthony Risiott vs Anthony Risiott", u fil-fatt nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Lulju, tal-elf disa' mija erba' u disghin (22.7.1994), jigifieri wiehed u ghoxrin jum wara dak id-digriet l-attrici ntavolat dina l-kawza odjerna;

- Illi nhar l-ewwel ta' Lulju, wkoll, tal-elf disa' mija erbgha u disghin (1.7.1994), permezz ta' Digriet Numru 596/94, moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, l-istess konvenut odjern ottjena l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex ikun jista' jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' l-attrici u talbiet ohra relatati, incidentali w ancellari, fosthom il-kura u l-kustodja taz-zewg itfal tieghu minuri, billi l-konvenut jidhirlu li huwa fl-interess suprem tal-istess minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tkun fdata f'idejh, u dana skond kopja legali tad-digriet numru 596/94 hawn mehmuza bhala dokument AR1;

- Illi l-konvenut minbarra li gie mcahhad permezz tad-Digriet tas-Sekond' Awla mill-kura w l-kustodja ta' uliedu minuri, cirkostanza li fil-fatt tista' tghid tilfet kull forma ta' kuntatt dicenti bejn il-konvenut u wliedu minuri, kif imfisser aktar 'l fuq fil-korp ta' dan id-dokument, l-istess konvenut gie mgieghel jitlaq mid-dar taz-zwieg f' numru 222, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, u anke abbuzivament inqabditlu l-vettura Austin Allegro, ta' kulur Maeple Leaf, bin numru tar-registrazzjoni K-1968, w abbuzivament u llegalment ittiehdet fir-residenza ta' ziju tal-attrici li jismu George McCarthy, u li ghalhekk kull sforz da parti tal-konvenut ghar-rikonciljazzjoni mal-imsemmija atrtrici gie aktar stultifikat permezz ta' dawn l-atti li sfortunatament komplew holqu tensjoni fil-persuna tal-konvenut, liema Mandat ta' Qbid bin-numru 1954/94-AS huwa hawn anness bhala d-dokument AR2;

- Illi l-konvenut jirreferi ghall-korp kollu ta' din ic-citazzjoni, in-nota ta' l-Eccezzjonijiet u l-kontro-talba tieghu, u f'dan id-dawl huwa qieghed jintavola kontro-talba sabiex jitlob il-Qorti taqta' u tiddecidi t-talbiet tieghu fir-rigward tas-separazzjoni personali w aspetti ancillari w incidentali, [u] konsegwenzjali:

Premess dan kollu l-konvenut talab lill-attrici tghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex tiddeciddi w tordna:

1 illi z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi Risiott tkisser irremedjabilment kagun tar-ragunijiet legalment fondati tort unikament tal-attrici, u li b' hekk ghandu jintemm, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien;

2 illi z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi Risiott tkisser u sehhet il-firda bejniethom minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-attrici kontra l-konvenut, kif ukoll anke kontra l-ulied mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, u anke minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhix aktar possibbili ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment;

3 illi l-konvenut ghandu jinghata kumpens adegwat u xieraq talli fiz-zmien li kienet miexja din il-kawza, huwa gie kostrett li jitlaq mid-dar taz-zwieg f'numru 222, Two Gates Street, Senglea, CSP 07, u dana minkejja l-fatt li ma kien hemm l-ebda talba ad hoc da parti ta' xi hadd mill-kontendenti konjugi a bazi tal-Artikolu 46 tal-Kodici Civili sabiex il-Qorti kompetenti tiddecidi liema wahda mill-partijiet kellha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja din il-kawza, izda b'agir abbuziv nhar l-erba' ta' April, tal-elf disa' mija erba' u disghin (4/4/1994) u cioe` aktar minn tlett xhur qabel ma l-attrici intavolat din ic-citazzjoni odjerna;

4 illi l-konvenut ghandu jinghata kumpens adegwat peress illi fiz-zmien li kienet miexja din il-kawza tal-firda, huwa hallas somma ghal manteniment tal-attrici u z-zewg uliedu minuri (u sakemm kull wiehed minn dawn il-minuri baqa' minuri), liema somma fid-dawl tal-Kodici Civili ma kienitx dovuta lill-attrici fid-dawl illi l-attrici kellha l-obbligu li legalment tahdem hi u dana fid-dawl tal-emendi ghall-Kodici Civili effettivi sa mill-ewwel ta' Dicembru, tal-elf disa' mija tlieta u disghin (1/12/1994), u kwindi l-konvenut qed jitlob ir-rifuzjoni lura bl-imghaxijiet legali tal-ammonti li hallas bhala alimenti lill-attrici personalment, u danni ohra kkagunati lill-istess konvenut kagun tal-mandati abbuzivi li hargu fil-konfront tieghu skond kif ingab a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

5 illi l-konvenut ghandu jinghata kumpens adegwat ghat-tbatija fizika w psikologika illi sofra billi fiz-zmien li kienet miexja l-kawza l-Qorti kompetenti kienet ordnat li l-attrici kellha tiehu hsieb il-minuri kif jidrilha xieraq, u dana sar a bazi tal-gid tal-ulied, imma minflok l-attrici abbuzat u qatghet kull forma ta' kuntatt mill-iben il-kbir Francois ma' missieru l-konvenut, u anke gew mhedda serjament ir-relazjonijiet bejn it-tifel iz-zghir fir-rigward tar-relazzjonijiet ma' missieru l-konvenut, u ghalhekk dan sehh minhabba li l-attrici ma kienitx il-persuna tabilhaqq idoneja biex

tiehu hsieb l-ulied minuri, imma filwaqt li kellha l-fiducja tal-Qorti biex taghmel dan, abbuzat mill-aktar mod serju f' dan ir-rigward;

6 illi din il-Qorti ghandha tiddikjara wkoll illi l-attrici hija hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 38 tal-Kodici Civili u ghalhekk ghandha titlef a bazi tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili il jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili; kif ukoll dak kollu li tkun kisbet il-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu; kif ukoll kull jedd ta' parti fiz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda; kif ukoll il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li taghtiha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

7 illi l-konvenut ghandu b'mod definittiv jinheles minn kull forma ta' obbligu li jmantni lill-attrici w dana mhux biss minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment htija tal-agir tal-attrici, izda anke wara li jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-partijiet partikolarment li l-attrici fil-perijodu tal-intavolar ta' dawn il-proceduri kellha l-arti w sengha biex timpjega lilha nnifisha jew li tidhol f'xi forma ta' mpjieg u fid-dawl tal-principju tal-ugwaljanza legali, tahdem biex hija tmantni lilha nnifisha; u dana anke fl-ispirtu tal-Artikolu 54 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8 illi dina l-Qorti ghandha tapplika l-Artikoli 51, 52, 53, jekk jidhrilha xieraq w opportun fic-cirkostanzi tal-kawza odjerna li jekk jidhrilha ghandha taghmel;

9 illi dina l-Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili jekk jidhrilha xieraq w opportun li hekk taghmel fic-cirkostanzi tal-kawza odjerna, skond il-fatti kif ikunu rrizultawlha;

10 illi din il-Qorti ghandha tapplika skond kif jidhrilha xieraq w opportun fid-dawl tal-fatti kif irrizultawlha l-Artikolu 55A dwar id-dar taz-zwieg, kif ukoll l-Artikolu 56 (hsieb tal-ulied wara l-firda), kif ukoll li tordna bl-aktar mod rigoruz l-enforzament tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati t-tfal, il-missier u l-omm jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni, skond il-ligi; u s-sub-artikoli l-ohra li hemm fl-imsemmi Artikolu 57;

11 illi din l-Qorti ghandha tapplika sa fejn jidhrilha xieraq w opportun l-effetti tal-Artikolu 60, li jinkludi r-rinunzja tal-wirt bejn il-kontendenti konjugi;

12 illi dina l-Qorti ghandha tapplika l-effetti tal-Artikolu 62 sub-artikolu (2) tal-Kodici Civili fis-sens li l-konvenut qieghed jitlob espressament sabiex l-attrici tigi pprojbita milli tkompli tuza kunjomu wara s-separazzjoni, billi l-uzu jista' jkun ta' pregudizzju gravi ghall-istess konvenut;

13 illi f' kaz li l-attrici tibqa' kontumaci fir-rigward ta' din il-kontro-talba da parti tal-konvenut, il-Qorti ghandha tinnomina Nutar Pubbliku Malti kif ukoll Kuraturi Deputati li ghandhom jirrapprezentaw lill-attrici f'Att Pubbliku li jkopri t-talbiet odjerni u l-effetti legali taghhom maghmulin mill-konvenut f' din il-kontro-talba;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici Maryanne Risiott, tal-4 ta' Novembru, 1994, ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepiet:

- illi t-tort tas-separazzjoni huwa unikament tal-konvenut illi rrenda ruhu hati ta' adulterju, swat, theddid, eccessi, sevizzji, ingurji gravi w inkompatibilita' ta' karattru b' mod illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza impossibbli;

- illi m'hu veru xejn illi l-konvenut gie mgieghel jitlaq mid-dar ta' omm l-attrici, f'liema dar il-kontendenti abitaw matul il-hajja mizzewga taghhom minghajr qatt hallsu kera lill omm l-attrici. Li gara kien illi l-konvenut gie mressaq quddiem il-Magtistrat Silvio Meli akkuzat illi hedded lill-attrici u illi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-attrici u ta' ibnu Francois u illi kiser il-buon ordni bl-ghajjat u bil-glied u ta' qtajja w bezza lill-attrici b' mod li seta' jaghmlilha hsara. L-attrici hafret lill-konvenut sabiex dan ma jitlifx l-impieg tieghu u l-konvenut "unilateralment obbliga ruhu li sakemm jigu konkluzi l-proceduri civili jew issir rikonciljazzjoni" ma jibqax jirrisjedi fid-dar ta' omm l-attrici (Dok A anness, fol. 70);

- Illi zgur illi m'huwiex fl-interess suprem tal-ulied minuri tal-kontendenti li l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata f'idejn il-konvenut u dan peress illi, inter alia, il-konvenut sikwiet sawwat lill ibnu Francois u meta jkollu access ghal ibnu Kirsten, ikellmu b' mod li jista' facilment jaghtih skandlu w ezempju hazin, kif ukoll ihalli rivisti xejn xierqa ghal tfal ta' l-eta` ta' Kirsten f'postijiet fejn il-minuri jista' jarahom, kif fil-fatt gara. Inoltre, il-konvenut spiss tkellem hazin fil-prezenza ta' uliedu, heddidhom u sawwat anke lill-attrici w heddidha fil-prezenza taghhom. Fil-hin allokat

lilu ghall-access ta' uliedu minuri, l-konvenut qal lil uliedu li ma kienux minn tieghu liema dikjarazzjoni urtathom ferm anke minhabba l-eta` li qeghdin fiha l-minuri;

- illi l-attrici da parti taghha dejjem ottemperat ruhha mad-digriet tas-Sekond' Awla rigward l-access tal-konvenut ghat-tifel minuri Kirsten, pero` fid-dawl tal-komportament tal-konvenut, dan id-digriet ghandu jigi mibdul jew varjat skond kif jidhrilha l-Qorti u dana fl-interess suprem tal-minuri;

- illi l-konvenut talab il-hrug ta' mandat ta' qbid fuq l-oggetti mobbli li jinsabu fir-residenza tal-attrici. Sussegwentement, il-konvenut irtira dan il-mandat ferm ingust li kien gie intavolat minnu ferm qabel ma' l-attrici pprezentat mandat ta' qbid fuq il-karozza tal-konvenut, liema mandat gie wkoll minnha irtirat;

- illi, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut ghamel perijodi ta' snin shah li fihom ma hadimx, u l-attrici kellha tohrog tahdem ta' seftura ma' diversi familji biex tmantni lill-konvenut u lil uliedha.  Inoltre, matul il-perijodu taz-zwieg kollu, l-genituri tal-attrici issomministrawlha l-flus peress illi l-konvenut qatt ma taha manteniment adegwat ghaliha u ghal uliedha;

- illi l-konvenut jippretendi illi ghandu hafna drittijiet fuq uliedu fosthom id-dritt li jara li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u fl-istess hin jippretendi illi l-attrici tbati l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni ta' uliedu, fosthom uniformijiet u kotba, minghajr ma jaghti ebda kontribut u dan meta jaf illi l-manteniment li qieghed jissoministra lil martu u lil uliedu mhuwiex sufficjenti ghal dawn il-bzonnijiet kollha. Inoltre, l-konvenut qieghed jitlob illi l-attrici terga' tohrog tahdem, u dan meta jaf illi l-uniku impieg li qatt kellha kien ta' seftura man-nies, u b' hekk tittraskura lill uliedha minuri li kontinwament ghandhom bzonn tal-prezenza taghha fid-dar;

Rat l-atti kollha tal-kawza u b'mod partikolari l-verbali ta' l-udjenzi tad-9 ta' Novembru, 1998 u tat-23 ta' Novembru, 1999; rat id-diversi deposizzjonijiet tax-xhieda, inkluzi affidavits; rat ukoll iz-zewg relazzjonijiet tal-perit legali l-Avukat Dott. David Harding; ikkunsidrat:

Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' April, 1976. Minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, subien: Francois, li llum hu maggorenni, u Kirsten li twieled fit-28 ta' Dicembru, 1983 u li ghalhekk illum ghandu sittax-il sena. Il-hajja mizzewga ghall-bidu kienet wahda tista' tghidilha normali, bid-diffikultajiet taghha mhux insormontabbli, bhal meta l-konvenut kien bla xoghol ghal numru ta' snin u ghalhekk l-attrici spiccat

kellha torhog tahdem taghmel il-facendi ghand in-nies minkejja li t-tfal kienu ghadhom pjuttost zghar u kien ikun aktar indikat li tibqa' d-dar biex tiehu hsiebhom.

Li llum iz-zwieg tkisser ma hemmx dubbju. L-attrici taghti t-tort lil zewgha l-konvenut, filwaqt li dan, permezz tal-kontro-talba (jew ahjar kontro-talbiet) tieghu jallega li kienet martu li tat lok ghas-separazzjoni. Din il-Qorti, bhall-perit legali, ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba u tikkondividi pjenament il-konkluzzjonijiet milhuqa mill-istess perit legali – fl-ewwel relazzjoni tieghu, fol. 266 sa 293) – u cioe` li filwaqt li l-attrici irnexxilha tipprova kemm l-adulterju ta' zewgha kif ukoll imgieba tieghu li tammonta ghal eccessi, theddid u offizi gravi kontra taghha u kontra t-tifel il-kbir, il-konvenut ma irnexxilu jipprova ebda htija fil-konfront ta' l-attrici. Din il-Qorti ser tirriproduci siltiet mill-imsemmija relazzjoni, li qieghda taghmel taghha:

*"Illi kwantu ghar-raguni ta' l-adulterju jidher mill-provi li l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq diversi incidenti u b'mod specjali fuq dak li tghid ix-xhud Marisa Zarb. Dina fl-affidavit taghha tas-7 ta' April, 1994 (Dok. MZ1) qalet li fis-17 ta' Novembru, 1993 Mary Rose McKay talbitha twassalha San Gwann fejn kellha tiltaqa' mal-konvenut fi flat. Kif waslitha f'xi d-disgha ta' filghodu rat lill-konvenut qieghed jistenniha u rathom it-tnejn dehlin fi flat. Hija regghet ghaddiet ghaliha f'xi siegha nieqes kwart ta' wara nofs in-nhar. Dak il-hin hareg il-konvenut ukoll mill-flat u talab lil Rose McKay biex terga taghtih ic-cavetta tal-flat biex jara kienx nesa xi haga fil-flat. Dan l-affidavit ta' Marisa Zarb gie segwit minn affidavit iehor tat-28 ta' April, 1995 (Dok. MZ2) fejn wara li kkonfermat li McKay kienet harget ic-cwievet tal-flat u talbitha taghtihom lill-konvenut li kien qieghed jistenniha ghaliex qaltilha li kienet qed thossha sturduta. McKay kienet qaltilha li kienet xorbot biex ma tisthix mill-konvenut. Ix-xhud kompliet tghid li rat lill-konvenut johrog il-*cover *tal-karozza tieghu u rathom dehlin fil-flat il-konvenut wara McKay bil-*cover *tal-karozza f'idejh."*

Din ix-xhud Marisa Zarb, issa Marisa Henwood, regghet xehdet fil-Qorti, prodotta mill-<u>konvenut</u>, fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 1998 (fol. 357), fejn ikkonfermat mhux biss l-incident ta' San Gwann, li fil-fehma tal-Qorti hu prova elokwenti ta' l-adulterju tal-konvenut, izda semmiet ukoll diversi incidenti u cirkostanzi ohra li jkomplu jindikaw ir-relazzjoni ta' hbiberija intima li l-konvenut kellu ma' l-imsemmija McKay, intimita` li fiha nnifisha hi ga offiza gravi versu martu.

Dwar ragunijiet ohra migjuba mill-attrici bhala kawza tas-separazzjoni, il-perit legali jghid u jikkonkludi hekk:

*"Illi l-esponent, wara li ezamina bir-reqqa l-provi gie ghall-konkluzzjoni li din ir-raguni ghas-separazzjoni*[1] *giet ampjament gustifikata. Mill-affidavit*

---

[1] Cioe` "eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi".

*ta' l-istess attrici tat-28 ta' Frar, 1995 jirrisulta li f'Dicembru 1990 meta l-attrici rritornat id-dar wara li kienet harget mal-kugina taghha li kienet tghix is-Sud Afrika u ma' hbieb ohra, il-konvenut beda jghajjat kemm jiflah u beda jaghtiha bl-ghadam subghajh f'wiccha. Dak inhar il-konvenut qasmilha xofftejha. Irrisulta wkoll minn dan l-affidavit illi meta fl-1994 hija bdiet il-proceduri legali ghas-separazzjoni kontra zewgha, il-konvenut kien jigi d-dar irrabjat hafna, jghid li ser jahraq id-dar (din kienet ta' ommha) u ikisser kollox u jaghti bil-ponn fuq l-ghamara. Kien jghid li ser iniffidha bis-sikkina. Fit-2 ta' Marzu, 1994 il-konvenut ghamlilha xenati bil-lejl u qallha li hu kien ahdar hafna u li kien ser juriha kemm kien ahdar. Il-konvenut kien qalilha wkoll li kien ser ihott id-dar gebla gebla u jaghmel kullimkien irmied. Fis-17 ta' Marzu, 1994 (xi erba' xhur qabel il-presentata ta' din il-kawza li sehhet fit-22 ta' Lulju, 1994) il-konvenut tefaghha fuq is-sodda, zammilha idejha t-tnejn u qallha "jekk taqbad twerzaq nifgaghlek". Fit-2 ta' April, 1994 il-konvenut garalha t-tazza tat-te, tela' warajha fil-kamra tas-sodda tat-tifel, hezzizha mal-hajt u qallha: "Nahlef fuq il-Madonna li noqtlok", tefaghha fuq is-sodda u beda jaghfsilha ghonqa billi qabdilha l-pavri tal-*housecoat*. Fil-frattemp dahal it-tifel il-kbir Francois u skond l-affidavit ta' l-attrici anke dan beda jigi msawwat. In segwitu gew il-pulizija li arrestaw lill-konvenut. Dawn l-incidenti regghu gew konfermati mill-attrici fid-deposizzjoni taghha fis-seduta tal-11 ta' April, 1995….It-tifel Francois (illum maggorenni) isemmi dan l-incident fl-affidavit tieghu tas-27 ta' April, 1995[2]. In fatti kkonferma bil-gurament li missieru kien jigi rrabjat hafna [minn] fuq ix-xoghol u gholla l-platt [ta' l-ikel] mas-saqaf u qam bis-siggu f'idejh, kissru u kien ser jaqbad isawwat l-attrici izda huwa waqqfu. Darb'ohra sema lil missieru jghid lil huh iz-zghir li kien ser jahraq id-dar, ihottha gebla gebla u ixoqq l-attrici bis-sikkina. Dik il-habta l-attrici kienet titolbu [lil Francois] biex joqghod maghha meta kien gej il-konvenut id-dar ghax kienet tibza' minnu, u dik il-habta wkoll ommu, hu u huh kienu jorqdu bil-hwejjeg fuqhom biex jekk il-konvenut jigi ghalihom bil-lejl jitilqu l-barra. Dan ix-xhud izid jghid ukoll li l-konvenut missieru kien jixrob il-whisky d-dar, gieli wkoll kisser xi ghamara u qsari id-dar wara li jkun xorob. Dan ix-xhud semma wkoll l-incident tat-2 ta' April, 1994. Huwa kien barra ftit l-boghod mid-dar, in-nannu qallu li l-genituri kienu qed jiggieldu. Huwa mar jigri d-dar u meta tela' fuq sab lil ommu l-attrici fuq is-sodda u l-konvenut missieru kien fuqha b'idejh ma' ghonqa. Meta missieru rah, kellmu hazin, qabdu minn ghonqu u tah daqqa ta' ponn u gidimlu s-swaba ta' idejh….Illi l-esponent wara li qies dak li qal il-konvenut dwar dan l-incident, ma jarax ghaliex m'ghandux jaccetta l-versjoni ta' l-attrici kif korroborata minn binha Francois, illum maggorenni. Jista' jizdied li l-Pulizija, fuq l-incident tat-2 ta' Frar, 1994, kienet giebet lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kif jidher mis-sentenza ezibita (Dok. ABC 1)[3] huwa kien gie akkuzat (1) talli verbalment hedded lil martu, (2) ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha u tat-tifel Francois, (3) kiser il-bon-ordni u l-*

---

[2] Fol. 126 sa 130.
[3] Fol. 70.

*kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied u (4) ta qtajja u bezza' lil martu b'mod li seta' jaghmlilha hsara. Jidher ukoll mill-istess sentenza li l-konvenut kien obbliga ruhhu li sakemm jigu konkluzi l-proceduri civili jew issir rikonciljazzjoni jirrisjedi f'postijiet ohra izda mhux fil-fond 222, Two Gates Street, Senglea fejn kienet toqghod l-attrici. Jirrisulta wkoll mill-istess sentenza li stante rinunzja ta' l-attrici il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni izda sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u lliberatu taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 izda obbligatu li ma jikkommettix reat iehor ghal periodu ta' sena u li ma jimmolestax lill-attrici u l-membri tal-familja taghha taht piena ta' mitt lira Maltin ghal periodu ta' sena. Jista' jizdied ukoll li l-attrici qalet li kienet hafritlu biex ma jitlef l-impieg tieghu. Mela skond l-istess sentenza l-konvenut gie misjub hati talli ghamel feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-attrici, liema sentenza tkompli tiggustifika it-tieni raguni ghas-separazzjoni avanzata bic-citazzjoni mill-attrici".*

Din il-Qorti zzid ukoll li mill-imsemmi affidavit ta' Francois Risiott jirrisulta li l-konvenut, meta kien jigi biex "jikkoregi" lit-tfal ghal xi haga hazina li jkunu ghamlu, kien johrog barra mill-limiti ta' dak li hu accettabbli[4]. Sinjifikanti huwa s-segwenti bran[5] minn dan l-affidavit:

*"Darba ohra kont iffirmajt karta ta' l-iskola minflok missieri, u dan ghaliex kont nibza' minnu. Meta induna missieri tani xeba kbira bil-ponn. Habbatli rasi mal-hajt u kaxkarni mal-art. Dan meta kelli biss xi ghaxar snin.Lil hija z-zghir ma kienx isawwtu bl-istess mod. Lili kien isawwatni qisu qed isawwat ragel u dan anke meta kont biss tifel zghir."*

Ghalhekk, tenut kont tal-provi kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici irnexxilha tipprova il-kaz taghha ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha. Mill-banda l-ohra, kif diga inghad, il-konvenut ma irnexxilux jipprova li l-attrici ghamlet xi haga li jista' jwassal ghas-separazzjoni. Fi kliem il-perit legali:

*"Illi l-esponent, wara li ezamina l-provi kollha ma jarax li jista' jikkonkludi li gie ppruvat mill-konvenut (l-oneru tal-prova huwa mixhut fuqu) li l-attrici kkommettiet xi adulterju….Illi biex isostni l-kontrotalba tieghu ghas-separazzjoni minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew ingurji gravi, il-konvenut semma l-incidenti li kien ikollu mal-familjari ta' l-attrici, il-fatt li martu kellha flus mohbija u anke li ma kienitx toqghod ghal dak li kien jghidilha. L-esponent, pero`, wara li ezamina l-provi f'dan ir-rigward ma jhossx li kien hemm xi indhil da parti tal-familja ta' l-attrici jew [li] kien hemm xi nuqqasijiet serji da parti ta' l-attrici, li minhabba fihom huwa jista' jikkonkludi li l-konvenut ipprova li kien hemm xi eccessi, sevizzji, mohqrija, theddid jew ingurji gravi li trid il-ligi fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili. L-indhil*

---

[4] Ara l-Artikolu 339(1)(h) tal-Kap. 9.
[5] Fol. 128.

*tal-genituri jidher li sar b'intenzjoni tajba u biex jghinu; sa anke hallew lill-kontendenti jghixu bla kera fid-dar propjeta` ta' omm l-attrici; l-attrici marret tahdem ghax zewgha meta ma kellux xoghol, hija nefqet hafna mill-flus li kellha jew li wirtet ghal bzonnijiet tal-familja u tad-dar. Illi, kif inghad fuq, il-konvenut qieghed jippretendi li ghandu dritt jitlob is-separazzjoni personali minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment. L-esponent jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment izda fid-dawl tal-provi li nstemghu u li ghalihom saret referenza hawn fuq, l-esponent huwa tal-umli fehma li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment mhux ghal ragunijiet imputabbbli lill-attrici izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut li avanza biss xi suspetti kontra l-attrici li pero` ma jidhirx li gew sostnuti bil-provi. L-esponent ma jarax li huwa l-kaz li jerga' jsemmi dawn ir-ragunijiet."*

Kif inghad, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn l-osservazzjonijiet tal-perit legali.

Kwantu ghad-dar matrimonjali, din, kif diga inghad *en passant* hawn fuq, kienet id-dar li tinsab fin-numru 222, Two Gates Street, Senglea. Din hi propjeta' ta' omm l-attrici, u l-kontendenti kienu jghixu fiha minghajr qatt ma hallsu kera. Il-konvenut hareg minn din id-dar minn rajh u mar joqghod mal-genituri tieghu. L-attrici baqghet tghix f'din id-dar taz-zwieg ma uliedha, u din il-Qorti, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tvarja dan l-istat ta' fatt.

Kwantu ghat-tifel iz-zghir – Kirsten – dan ghandu jibqa' fil-kura u l-kustodja ta' ommu; u tenut kont ta' l-eta` tieghu illum il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tipprovdi ghal granet jew hinijiet ta' access, izda li l-konvenut ghandu jkollu access liberu ghalih. Dan, naturalment, ikun jiddependi f'mizura konsiderevoli fuq il-ko-operazzjoni ta' l-istess tifel.

Bid-digriet taghha tad-19 ta' Gunju, 1995 (fol.176) din il-Qorti kienet iffissat il-manteniment *pendente lite* li l-konvenut kellu jhallas lill-attrici fis-somma ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar ghaliha u erbghin lira (Lm40) fix-xahar ghall-minuri Kirsten. Dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha, inkluz id-dhul tal-konvenut mill-impjieg tieghu mal-Gvern (Dipartiment tat-Taxxi Interni), il-fatt li l-attrici kellha fejn toqghod minghajr ma kienet qed thallas kera, kif ukoll il-fatt li l-attrici hi ta' eta` li tista' tahdem bi qliegh. Minbarra xi aggustamenti dovuti ghall-gholi tal-hajja u ghaz-zieda fis-salarji ta' impjegati mal-Gvern, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja sostanzjalment dawn l-alimenti.

Kwantu ghall-komunjoni ta' l-akkwisti, jirrisulta mit-tieni relazzjoni tal-perit legali li din tikkonsisti fis-segwenti:

Immobbli: kamra zghira, imsejha "garage", f'numru 98, Triq il-Kappillan Frangisk Azzopardi (ga St. Joseph Street), Senglea.
Mobbli: karozza Austin Allegro; *washing machine* mixtrija fl-11 ta' Settembru, 1991; *fridge, cooker, hob, hood* u *sink* mixtrija fis-16 ta' Ottubru, 1991; kamera tar-ritratti Cannon; *television* Grundig; *video-recorder*; *turn-table* tad-ditta Philips; *radio/amplifier*; it-tieni kamra tal-pranzu, cioe` ta' Joinwell Limited; il-kcina akkwistata fil-1991; l-i*spare bedroom* mixtrija minghand Androxa Furniture; u *radio casette*.
Flus: kwantu ghall-flus li hemm, jew li kien hemm, f'banek il-perit legali josserva li dawn ma setghux jigu stabbiliti b'certezza, peress li ma ingabux provi sodisfacenti mill-partijiet.

Inoltre jigi osservat li ma sarux stimi tal-oggetti mobbli u immobbli; tali stimi jkunu jinvolvu spejjez addizzjonali; u tenut kont tal-fatt li ma hemmx xi somom enormi involuti, u anke sabiex il-partijiet jilhqu jistabilixxu l-ammont ta' flus, jekk hemm, li ghandu jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, din il-Qorti sejra tapplika s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 55, u ghalhekk tordna li l-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jghaddu hames snin minn meta tispicca l-istess komunjoni.

Kwantu, pero`, ghall-beni parafernali u dotali, u l-affarijiet personali tal-konvenut, il-Qorti ser tipprovdi espressament dwarhom.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti u cioe` billi (a) **tichad** il-kontro-talbiet kollha tal-konvenut; u (b) (1) **tilqa' l-ewwel talba** attrici u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili u dana minhabba adulterju tal-konvenut kif ukoll minhabba eccessi, theddid u offizi gravi tal-konvenut versu l-attrici martu u versu binhom il-

kbir; (2) **tilqa' t-tieni talba** attrici u konsegwentement tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva; (3) **tipprovdi dwar it-tielet u r-raba'** talbiet attrici billi tordna, a tenur ta' l-Artikolu 55(2) tal-Kodici Civili u ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imsemmija, li l-beni formanti parti mill-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jghaddu hames snin minn meta tispicca l-istess komunjoni; (4) **tipprovdi dwar il-hames talba** attrici billi tordna li l-oggetti li gejjin jigu ritornati minnufih lill-attrici f'kaz li dawn jinsabu ghand il-konvenut: il-*washing machine*, *cooker* u *fridge* li missier l-attrici kien taha bhala dota; il-kamra tas-sodda "Queen Anne"; is-salott li nxtara minn ghand Renaldo Zahra & Sons fil-31 ta' Dicembru, 1975; is-salott li nxtara minn ghand Home Décor Ltd.; il-*grandfather clock*, "sottospecchio" u par siggijiet, zewg linfi, zewg lampi u "chandelier"; l-ewwel kcina fil-kaz li ghadha tezisti; u l-*fridge* u l-*cooker* mixtrija f'Dicembru 1974; il-Qorti tordna wkoll li l-oggetti li gejjin u li jappartjenu

esklussivament lill-konvenut, jigu ritornati minnufih lill-istess konvenut f'kaz li dawn jinsabu ghand l-attrici: il-hwejjeg (jigifieri oggetti ta' lbies) tal-konvenut; *typewriter*; kamera tar-ritratti "Exacta" bil-kaxxa b'kollox u *tripod*; zewg kitarri (wahda *electric* u ohra *Spanish*); flawt; l-ghodda kollha; id-dokumenti ta' kull tip, kotba u certifikati; *video* u *cassettes*; ritratti; tombla tar-ram (pedini) minn-numru 1 sa 90; mudell ta' bastiment; midalji u *trophies*; *radio/clock/alarm*; flixkun Liquire bil-Ballerina fih; album tar-ritratti u Film super 8mm taz-zwieg; (5) **tilqa' s-sitt talba** attrici u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kirsten f'idejn l-attrici, b'dan li l-konvenut ikollu access liberu ghall-istess minuri; (6) **tilqa' s-seba' talba** attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' hamsa w sittin (Lm65) lira fix-xahar, li ghandhom jitilghu ghal sebghin lira (Lm70) fix-xahar wara li t-tifel Kirsten jaghlaq it-tmintax-il sena; u tikkundannah ukoll ihallasha, bhala manteniment ghall-minuri Kirsten, is-somma ta' erbghin lira (Lm40) fix-xahar; dawn l-ammonti ikunu pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici; (7) **tilqa' t-tmien talba** attrici u konsegwentement tordna li fid-dar taz-zwieg, jigifieri 222, Two Gates Street, Senglea, tibqa' tghix biss l-attrici u uliedha, u ghalhekk ad eskluzjoni tal-konvenut; (8) **tilqa' id-disa' talba** attrici u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut tilef (i) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, (ii) dak kollu li kiseb mill-attrici b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu, (iii) kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara is-17 ta' Novembru, 1993, li ghandha titqies bhala d-data li minnha l-istess konvenut sar hati tal-firda, u (iv) il-jedd li jgieghel lill-attrici, f'kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur